MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 130/2009

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E D, F D,**
**u l-kjamat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

Illi r-rikorrent ghandu relazzjoni intima ma' l-intimata C D;

Illi l-intimata C D ghadha mhux legalment separata minn ma' zewgha F D;

Illi minn din ir-relazzjoni ma’ l-intimata l-esponenti kellu tarbija, E D li twieled fis-27 ta’ Frar 2009 skond l-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. A, li fih l-intimat F D gie mnizzel bhala l-missier tat-tarbija;

Illi t-tarbija E D m’ hijix il-wild naturali ta’ l-intimat F D imma tar-rikorrent A B kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Jghidu ghalhekk l-intimata il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri E D m’ huwiex it-tifel naturali ta’ l-intimat F D, okkorrendo bl-opera ta’ esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, b’ mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’ dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri E D billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha ta’ l-intimat F D jew dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament jissokta jinghad li l-esponent m’ huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat ossia dwar il-paternita’ tal-minuri E D, u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti ;

2. Illi bla hsara ghal premess sabiex tigi akkolta l-ewwel talba tieghu r-rikorrenti jehtieglu jipprova l-impossibilta’ fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi F D u C D tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu

81 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri E D ma jaqbilx mal-istat li jaghtih l-att tat-twelid tieghu ;

3. Illi minghajr pregudizzju gahs-suespost, in kwantu jikkoncerna t-tieni talba tar-rikorrenti, l-esponent umilment jirraviva l-impossibilta' taghha u dan ghaliex filwaqt li r-rikorrenti ghandu kull dritt qua terz interessat li jattakka l-filjazzjoni tal-minuri E D a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, min-naha l-ohra l-ligi ma tikkoncedilux l-istess dritt li jagixxi gudizzjarjament biex jitlob id-dikjarazzjoni tal-paternita' tieghu. Ghalhekk jaf kemm-il darba r-rikorrenti jirnexxilu jipprova ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri E D m' huweix il-wild naturali tal-intimat F D, f' dak il-kaz il-minuri jrid jigi mnizzel bhala l-wild ta' persuna mhux maghrufa. S' intnedi dan b' riserva ghal proceduri ta' rikonoxximent li jistghu jsiru sussegwentement da parti tal-istess rikorrent ;

4. Illi ulterjorment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem F D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 876 tas-sena 2009 ;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m' hijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponentu kwindi huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament ingunti, ghazlu li jibqghu kontumaci ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E D, li twieled fis-27 Frar 2009 u li gie registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 876/09 bhala bin F D, mhuwiex it-tifel natuali u bijologiku tal-konvenut F D.

Illi mill-provi jrrizulta li l-konvenuti C u F, konjugi D, kienu zzewwgu fl-4 Dicembru 2004, izda circa erba' xhur wara, huma sseparaw de facto. Minn dak iz-zmien 'il quddiem dawn il-konvenuti qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi bejniethom aktar.

Sussegwentement ghas-separazzjoni, il-konvenuta C D bdiet relazzjoni ma' l-attur A B fl-1 Mejju 2005, u minn dak iz-zmien 'il quddiem, hija kellha relazzjonijiet intimi ma' l-attur biss, bir-rizultat li fis-27 Frar 2009 twieled il-minuri E.

Il-partijiet kollha involuti jsostnu li t-tifel mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut F D, izda ta' l-attur. Din it-tezi tinsab sostnuta mir-rapport xjentifiku tad-DNA li sar fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuni tal-konvenuta C D, tal-minuri u ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel E D m' huwiex il-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F D ; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez jkunu a kariku ta' l-attur u tal-konvenuta C D f' isimha proprju, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------